MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 8

18 ta' Awwissu 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 8 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 18 ta' Awissu 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku irrefera għall-minuta 4.4.4. **(Ref: A/5/3/Vol VIII)** u ippropona li din tinqara kif ġej:

*"4.4.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li waqt laqgħa li kellu ma'-Vodafone Malta Ltd sar appell sabiex l-istess kumpanija tikkontribwixxu b'riżq l-attivitajiet Mellieħa Gardens By Night u fil-fatt din għamlet għotja ta' €700, kif ukoll tat żewġ settijiet ta' telephones ċellulari sabiex jintużaw għall-ħtiġijiet ta' l-uffiċċju.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u iffirmati bl-emenda mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Wirja mil-Ladies Craft Circle f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Lulju 2008, mibgħuta mill-Ladies Craft Cicle, fejn qed jitolbu li l-Kunsill jissieħeb magħhom bil-għan li tittella' wirja ta' artiġġjanat Malti f'Cavriglia, liema proġett ġie mniedi bis-saħħa tal-ġemellaġġ li ġie iffirmat bejn il-Kunsill tal-Mellieħa u l-Comune di Cavriglia. Fl-istess ittra ntqal li l-wirja hija ippjanata li sseħħ f'Awwissu 2009.

2.1.3. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-kumitat tal-Ladies Craft Circle sabiex jiġi stabbilit kif il-Kunsill jista' jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

### 2.2.1. Kors fl-arti ta' l-affreski (S/6/Vol III)

2.2.2. Inqrat ittra mibgħuta mill-Art Club 2000, datata 15 ta' Awwissu 2008, fejn qalu li ser jintbagħtu sitt studenti u żewġ għalliema jitgħallmu t-teknika ta' l-affreski fil-belt ta' Treglio, fil-provinċja ta' Chieti (Abruzzo), fl-Italja. Huma appellaw lill-Kunsill jgħin fl-ispejjeż ta' din l-inizjattiva. L-ispejjeż tal-kors, kif ukoll l-akkomodazzjoni ser tiġi ipprovduta mingħajr ħlas mid-direzzjoni ta' l-iskola fi Treglio.

2.2.3. Il-Kunsill kien ta' l-opinjoni li għandhom jinġiebu aktar dettalji u s-suġġett jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

### 2.3.1. Nominazzjonijiet għall-Premju Anzjan tas-Sena (A/1/2)

2.3.2. Sindku irrefera għall-ittra datata l-1 ta' Awissu 2008, mibgħuta mis-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita`, fejn il-Kunsill ġie mistieden jressaq nomini għall-premju msemmi. Huwa irrakkomanda li għandha titressaq in-nomina tas-Sur John Camillieri li minkejja li mard li għandu fil-familja, jinvolvi ruħu f' xogħol volontarju fil-parroċċa.

2.3.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi ippropona wkoll in-nomina tas-Sur Joseph Borg li bejn Novembru 1993 u Marzu 2008 serva bħala kunsillier u fl-Ewwel u it-Tielet Kunsilli serva wkoll bħala sindku tal-Mellieħa.

### 2.4.1. Impjegati ta' l-I.P.S. Ltd (H/4/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku irrefera għal fax datat 5 ta' Awwissu 2008, mibgħut mill-Industrial Projects and Services Ltd, fejn il-Kunsill ġie notifikat li b'effett mis-6 ta' Awwissu 2008, is-Sur Anthony Cachia ġie trasferit mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jagħmel xogħol f'dak id-dipartiment. Is-Sur R. Cutajar qal li irriżulta li trasferiment sar minħabba li uffiċjal ieħor inkarigata minn sezzjoni f'dan id-Dipartment ser tkun imsiefra għal żmien twil. Huwa qal li ma jeskludiex li s-Sur Cachia jista' jiġi trasferit lura, meta din tirritorna jew jinstab xi ħadd ieħor biex jagħmel ix-xogħol tagħha.

2.4.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.5.1. Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 16 ta' Awissu 2008, mibgħuta mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, fejn irrappurtaw li parti mix-xelters ġew minfuda wara tqattiegħ ta' blat wara skavar li sar f'qatgħa li tinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa. Irriżulta wkoll li l-istess kuntrattur bena ħajt tal-briks f'dan il-post.

2.5.3. Kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt ma' l-iżviluppatur dwar ir-rapport li sar.

### 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 26/07/08 – 14/08/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 24/07/08 – 07/08/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 08/08/08 – 12/08/08
- *Purchase Request Form* – 14/08/08
- Skeda ta` ilmenti - 0462/08 – 0513/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Rapport *Interviewing Board* – Impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 06/08/08
- Proposti mressqa mill-Kunsillier C. Bartolo – Pjan Lokali għat-Turiżmu

### 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Serata kulturali fil-Manikata (A/5/3/Vol VIII) (S/6/Vol III)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa ikkuntattja lill-Kappillan tal-Manikata, Dun Reggie Magri, dwar il-possibiltà li l-attività tal-Mellieħa Gardens by Night issir flimkien ma' attività msejħa "Lelja għaż-Żiffa" fit-30 ta' Awwissu 2008. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-Mellieha Gardens By Night tibqa' fit-22 ta' Awissu, peress li l-attività li ser ittellgħa l-Koperattiva Rurali tal-Manikata ser tkun fi Triq Dun Manwel Grima.

4.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

### 4.2.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol VIII)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-użu ta' scammels kbar minn Northern Cleaning Co-operattive qed jikkawża ħsarat u dannu għall-vetturi li jkunu ipparkjati qrib il-liwjiet li hemm f'din it-triq. Is-Sur Cutajar għarraf li kien hemm żewġ inċidenti ta' dan it-tip f'perjodu ta' ħmistax-il ġurnata.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir pressjoni fuq Northern Cleaning Co-operative sabiex tagħmel użu minn vettura iżgħar u aktar manuvrabbli. Kien hemm qbil li din għandha tkun kundizzjoni fid-dokument ta' l-offerta fis-sejħa li jmiss.

### 4.3.1. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/12/Vol II)

4.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li kien hemm kuntatti ma' l-iżviluppatur tal-qatgħa li tinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa. Intlaħaq ftehim miegħu li bejn l-1 ta' Awwissu u t-28 ta' Settembru 2008 ma jsirx xogħol ta' kostruzzjoni f'din iż-żona turistika. Is-Sur R. Cutajar li din il-*policy* qed tiġi estiża għal postijiet oħra, meqjusa bħala sensittivi. Proġetti ieħor li ġew trattati bl-istess mod kienu jinvolvi Dawret it-Tunnara qrib Triq il-Marfa u fi Triq Dun Belin Azzopardi.

4.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-*policy* proposta.

### 4.4.1. Ijieli Melleħin (A/5/3/5)

4.4.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed ikomplu l-isforzi sabiex jinġieb *sponsorship* bil-għan li jkunu jistgħu jinġiebu sitt mużiċisti mill-Eifel Menu Band ta' Adenau, ħalli jipparteċipaw fl-Ijieli Melleħin, li ser jsiru fit-12, 13 u 14 ta' Settembru. Hemm prospetti tajbin biex dan l-i*sponsorship* ikopri l-akkomodazzjoni u l-biljetti ta' l-ajru.

4.4.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li tħejja abbozz tal-*logo* li ser jiġi addottat, liema abbozz ġie muri waqt is-seduta.

4.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. Tisbiħ tat-turġien fi Triq il-Mitħna l-Qadima (P/4/17)

4.5.2. Is-Sindku għamel referenza għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Korporazzjoni Enemalta ntalbet tagħmel stima tax-xogħol u materjal meħtieġ sabiex il-*cables* li attwalment huma mwaħħlin ma' arblu, jiġu trasferiti għal taħt l-art, mill-pajpijiet li saru mill-Kunsill waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' tisbiħ fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa Marija u Triq Sant' Anna.

4.5.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Lulju 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-26 ta' Lulju u l-14 ta' Awissu 2008.

6.3. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* illi bejniethom ikopru l-perjodu bejn l-24 ta' Lulju u t-12 ta` Awwissu 2008.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut tat-tliet skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

### 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret rijallokazzjoni ta' fondi fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2008/09 sabiex jagħmlu tajjeb ħalli jiġi mpjeġat it-tielet uffiċjal mal-Kunsill, fi Skala 15; u**

**Billi s-Subartiklu (1) ta' l-Artiklu 53 ta' l-Att XV ta' 1993 jippermetti t-tielet impjegat, meta titqies il-popolazzjoni attwali tal-lokalità, u wara li ġew intervistati numru ta' persuni bil-permess tal-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ, sabiex jimtela' dan il-post li ilu battal minn Settembru 2004;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sinjura Marvic De Bono, (ID:184976 M), b'effett mill-25 ta` Awwissu 2008, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 ta' l-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

7.2. Saret referenza għar-rapport ta' l-*Interviewing Board* datat 6 ta' Awwissu 2008, liema bord ġie maħtur mill-Kunsill fis-seduta preċedenti. Is-Sindku qal wara l-intervisti kull membri kien fil-libertà li jagħti l-punteġġ relatat, skond kif ġew imwieġba l-mistoqsijiet li saru lill-kandidati kollha li ġew mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħrig u attendew għall-intervista.

7.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li wieħed mill-membri tal-Bord ħalla barra l-punteġġ taħt il-kolonna tal-Kawlifiki u Kapaċità. Huwa għalhekk ippropona l-punteġġ tiegħu għandu jitla' proporzjonalmenti sabiex ikun jista' jitqabbel ma' tat-tliet membri l-oħra. Huwa għamilha ċara li dan ma jbiddel xejn mill-klassifika tal-kandidati kollha. Staqsa wkoll jekk il-persuna li ser tiġi impjegata hijiex ser ikollha perjodu ta' *probation*.

7.4. Is-Segretarju wieġeb li kull impjegat mal-kunsilli lokali jkun suġġett għal żmien ta' prova ta' sitt xhur meta jiffirma l-kuntratt, skond ir-regolament 27 (c) tar-Regolamenti dwar ir-Riżorsi Umani.

7.5. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Il-Kunsillieri P. Cutajar u H. Fenech ma kienux preżenti għal din il-parti tas-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## 8.1. Pjan Lokali għat-Turiżmu fil-Mellieħa (T/12/Vol II)

8.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ressaq ukoll proposti li huwa personalment dehrlu li għandhom jiġu inklużi fil-pjan. Kopja tal-propost qed jiġu mehmuża ma' dawn il-minuti.

8.3. Għal din il-parti tas-seduta ġie mistieden jattendi s-Sur Julian Zarb li huwa inkarigat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex ifassal pjan lokali għat-turiżmu fil-Mellieħa. Huwa ta ħarsa ħafifa fuq l-aspetti kollha li ġew trattati fil-pjan permezz ta' preżentazzjoni grafika.

8.4. Is-Sur Zarb qal li wħud mill-ikbar problemi li jeżistu fil-Mellieħa huma:

- Il-volum kbir tat-traffiku fit-toroq ewlenin, partikularment fix-xhur tas-sajf;
- L-użu ta' siti skedati bħala Natura 2000 li huma wżati lejl u nhar, mingħajr waqfien għall-perjodu twil fis-sena, bħalma hija l-Bajja ta' Għadira; u
- L-ammont kbir ta' żvilupp li għaddej kontinwament. Bejn l-1992 u 2007 kien hemm 3,340 applikazzjoni lill-MEPA.

8.5. Il-Mellieħa minn naħa l-oħra għandha aspetti pożittivi, fosthom li hija destinazzjoni varjata, fejn wieħed isib il-baħar, il-kampanja, storja, attivitajiet kulturali u sportivi mtellgħa mid-diversi għaqdiet li jeżistu fil-lokalità. Parti sostanzjali tal-Melleħin huma impjegati mas-settur turistiku u għalhekk japprezzaw l-importanza tagħha għall-ekonomija, kemm tal-lokalità kif ukoll dik nazzjonali. Is-Sur Zarb spjega li huwa ra li kull proposta li ssir fir-rapport tiegħu tkun sostenibbli. Qal ukoll li fil-konsultazzjonijiet li huwa għamel ra li jmur fl-għeruq ta' l-industrija turistika, bil-għan li l-proposti jsiru minn isfel għal fuq, mhux kif ħafna drabi jseħħ minn fuq għal isfel.

8.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ikkummenta li fil-passat, is-sidien ta' akkomodazzjoni *self-catering* tgħabbew bl-liċenzi għoljin wisq, tant li ma baqgħux vijabbli. B'hekk il-parti l-kbira tat-turisti li jiġu jkollhom *package holiday*. B'dan il-mod ġew affettwati ħażin wkoll l-operaturi tar-ristoranti, bars eċċ. Is-Sur Bartolo għalhekk ippropona li jsiru riformi f'dan il-qasam sabiex jerġa jitrawwem is-settur tas-*self-catering*.

8.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi irrimarka li t-turiżmu intern tant huwa qawwi fil-Mellieħa illi għandu jitħares partikularment għal meta dak barrani jmajna fix-*shoulder months*. Semma' ukoll li t-turiżmu jintlaqat ukoll b'infrastruttura mhux adekwata, bħalma huma t-toroq, toroq imdawwla eċċ. Huwa semma t-toroq kollha ta' l-Aħrax li qatt ma ngħataw it-tarmak, kif wkoll Triq Lewis Wettinger li lanqas fiha dawl, minkejja li hija triq arterjali. Is-Sur Azzopardi ikkummenta li ħafna sewwieqa jipreferu ma jgħaddux minnha meta jidlam.

## 9.1. Inawgurazzjoni tal-proġett ta' tisbiħ bejn Triq il-Kbira u Triq l-Għoljiet (P/4/11/Vol II)

9.2. Is-Sindku qal li sad-data tas-seduta l-isem li ser jingħata dan il-post huwa "Wesgħat l-Emigrant". Huwa qal li miegħu għandha tiżdied il-kelma "Mellieħi". Is-Sur R. Cutajar qal li jixtieq jikkonsulta dwar l-isem nies intiżi fil-lingwa Maltija.

9.3. Is-Sur Cutajar għarraf ukoll li indaġa dwar il-possibiltà li jinġieb monument żgħir minn barra minn Malta, li jkun jikkonsisti fi ġlobu bl-ilma ħiereġ minnu. Huwa qal li l-istima li ngħatat kienet għolja wisq. Bħala alternattiva s-Sindku ippropona li jsir obelisk żgħir tal-ġebel qawwi li jkun fih skrizzjoni li permezz tagħha joħroġ is-sinifikat tiegħu. Billi sa l-inawgurazzjoni ma fadalx ħafna żmien, is-Sindku issuġġerixxa li aktar 'il quddiem isir globu li jissimbolizza lid-dinja.

9.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u iddeċieda li l-iskrizzjoni ssir bil-Malti, l-Ingliż, it-Taljan u l-Ġermaniż.

9.5. F'dak li jirriġwarda l-programm tas-27 ta' Awissu 2008, is-Sindku qal li ser ikun hemm żewġ marċi qosra separati mill-Baned La Vittoria u Imperial, li jitilqu fl-istess ħin minn Triq l-Għerien, kantuniera ma' Triq Snajjin u jgħaddi minn Triq l-Għoljiet. Il-marċ l-ieħor jitlaq minn Triq is-Sagħtar, kantuniera ma' Triq il-Miġbħa u jgħaddi minn Triq in-Naħal. Dawn jitlaqgħu flimkien fejn ser jiġi inawgurat il-proġett. Fl-istess attività ser tipparteċipa l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Id-diskors ta' l-okkażjoni jsir meta jaslu l-baned qrib Triq il-Kbira.

9.6. Is-Segretarju għarraf li għar-riċeviment li ser jsir huwa ġabar stima li tammonta €838, illi minbarra l-ikel tinkludi s-servizz tal-*waiters*.

9.7. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

## 10.1. Tħejjija għall-Kunċert Operistiku fil-Bitħa tas-Santwarju (A/5/5/Vol IV)

10.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li kompla l-kuntatti dwar is-serata kommemorattiva biex tfakkar il-150 nniversarju mit-twelid tal-kompożitur Taljan Giacomo Puċċini, fejn il-protagonisti ewlenin ser ikunu s-Sopran Andreana Jordanova u t-Tenur Joseph Aquilina, li ser ikunu akkumpanjati mużikalment mill-pjanista Clifford Borg. Il-pjanu ser jiġi misluf mis-Sur Joseph Fenech. Il-ħlas mitlub mit-tliet persuni msemmija ser ikun ta' €150 kull wieħed. Is-Sindku ippropona wkoll li s-serata tkun ippreżentata mis-Sur George Peresso.

10.3. Il-mistiedna distinti ser ikunu l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, l-Onor. D. Cristina, is-Segretarju Parlamenti fl-istess ministeru l-Onor. Clyde Puli, ix-*Shadow Minister* l-Onor. Owen Bonnici, l-Ambaxxaturi Taljan l-E.T. Paolo Andrea Trabalza u l-Ambaxxatur Belgjan l-E.T. Jean-Francois Delahaut. Fi tmiem is-serata ser ikun hemm bibità.

10.4. Il-Kunsillier approva l-arranġamenti proposti mis-Sindku.

## 11.1. Tħejjiet għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)

11.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fis-6 ta' Awwisu 2008 il-Kunsill sejjaħ il-laqgħa annwali bejn l-għaqdiet li b'xi mod huma involuti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja u l-awtoritajiet tal-Pulizija tad-Distrett. Fl-istess laqgħa ngħataw dettalji dwar l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-għaqdiet mużikali, kif ukoll l-arranġamenti mixtieqa mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar u l-Grupp ta' l-Armar tal-Festa sabiex il-ħidma tagħhom ma tkunx imxekkla.

11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li din is-sena l-operaturi tal-*kiosks* li ser jarmaw wara l-Knisja u fi Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa ser jintalbu jikkontribwixxu għal żewġ *bins-on-wheels* kull wieħed, biex kemm jista' jkun jonqos l-iskart li jintrema fejn ikunu armati. Fil-permessi relattivi ser ikun hemm kundizzjoni wkoll sabiex ma jsirx użu mill-*generators*.

11.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill jissieħeb ma' diversi għaqdiet lokali biex jittellgħu attivitajiet marbuta mal-Festa tal-Vitorja. Huwa qal li din l-appoġġ kien jingħata mill-kunsilli preċedenti bl-eċċezzjoni taċ-Ċentru Laburista li wkoll huwa involut fil-Festa. Għalhekk għandu jinstab mezz biex dan il-kontribut lill-komunità Mellieħija jingħata appoġġ.

11.5. Il-Kunsillier C. Bartolo ikkummenta li għandha ssir talba miċ-Ċentru Laburista qabel il-Kunsill ikun jista' jibqa' jaħdem fuq din il-proposta.

11.6. Is-Sur R. Cutajar qal li wara kuntatti li kien hemm mal-Kappillan Dun Karm Mercieca, il-Kunsill ser jagħmel tindifa ta' l-art li tinsab eżatt wara l-Knisja Parrokkjali billi jinqata' l-ħaxix u jitwitta r-ramel u żrar fuqha, fejn huwa maħsub ukoll li jinġiebu xi bankijiet fejn wieħed jista' joqgħod bilqiegħda. Ser jissewwa wkoll il-ħajt li hemm fi Triq Salvinu Vella biswit iċ-Ċimiterju Madonna tal-Vittorji.

11.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li wara t-tiswija ta' dan il-ħajt għandu jsir puġġament minħabba d-diżlivell li jiżisti.

## 12.1. Banka tal-Lottu 133 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa (P/4/20/Vol III)

12.2. Is-Sindku ippropona li jinbdew kuntatti sabiex il-banka tal-lottu imsemmija tinbidel f'uffiċċju informazzjoni għat-turisti. Is-Sur R. Cutajar qal li ċ-ċwievet ta' dan il-kamra ġew irritornati lura lit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Artijiet, peress li m'għadx hemm interess li din tibqa' tintuża għal dan l-iskop.

12.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bħala parti mir-*refurbishment* tal-latrina pubblika u t-tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, kien ippjanat li din il-kamra tiġi mneħħija għal kollox.

12.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern u mas-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mit-Turiżmu sabiex jinbeda l-proċess biex jinfetaħ l-uffiċċju msemmi.

## 13.1. Sistema ta' ventilazzjoni fis-Sala tal-Komunità (S/3/7/Vol III)(E/3/4/Vol VIII)

13.2. Is-Segretarju għarraf li nbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi. Qal li l-ftuħ tal-ħitan ħa aktar milli ippjanat, għalkemm li huwa maħsub li ser ikun lest sa ma tibda l-iskola.

13.3. Is-Sindku qal li għal din ir-raġuni ser ikollu jinsab post alternattiv biex tittellgħa l-attività mit-tfal fi tmien AvventuraSajf 2008, fit-28 ta' Awwissu 2008.

## 14.1. Proġett ta' afforestazzjoni f'Ta' l-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

14.2. Is-Sur Robert Cutajar irrefera għax-xogħol li sar in konessjoni ma' l-ewwel fażi tal-proġett imsemmi. Huwa qal li ikkuntattja lill-Environment Landscapes Consortium Ltd dwar l-ispiża involuta sabiex isir il-*mulching* fil-partijiet bil-ħamrija bil-għan li l-istess ħamrija tibqa' friska, filwaqt li ma jitħalliex jikber ħaxix ħażin. Intqal ukoll li hemm xi siġar li anke mietu minħabba li mhux jissaqqew. Is-Sindku qal li meta titqies il-medda illi trid tiġi trattata b'dan il-mod, l-ispiża titla' għal madwar €13,000.

14.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li spiża ta' dan l-ammont tirrikjedi sejħa għall-offerti, filwaqt li dwar is-siġar li mietu, huwa ippropona li l-kuntrattur illi kien responsabbli mill-proġett jista' jintalab jibdilhom u jara li s-sistema tat-tisqija qed taħdem tajjeb. Is-Sur Debono qal ukoll li jeħtieġ jinqata' l-ħaxix ħażin li kiber sabiex il-post jingħata dehra aħjar.

## 15.1. Twessiegħ ta' Triq il-Mellieħa (D/3/1/Vol V)

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fit-triq imsemmija, ftit 'l isfel mid-daħla għall-barriera. Huwa ikkummenta li s-sewwieqa f'din il-parti tat-triq ma jarawx traffiku li jkun ġej fid-direzzjoni opposta u għalhekk qed ikun hemm il-kolliżjonijiet, peress li t-triq hija dejqa ħafna. Is-Sur Fenech ippropona li ssir speċi ta' *lay-by* sabiex jitneħħa l-periklu.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi mgħoddija lill-*Contracts Manager* sabiex jagħti l-parir tiegħu.

## 16.1. Kampanja favur l-indafa (T/6/1/Vol II)

16.2. Is-Sindku irrefera għat-tindif volontarju li sar f'diversi postijiet rurali fil-lokalità nhar is-Sibt 9 ta' Awwissu, bejn is-7.00 u l-10.30 ta' filgħodu. Is-Sur Cutajar qal li kien hemm involuti l-entitajiet segwenti:

- Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina
- It-Tim tal-Basketball
- Art Club 2000
- Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti
- Santa Marija Estate Boathouses Association
- Koperattiva Rurali tal-Manikata
- Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Caravans u Bungalows Għadira

16.3. Flimkien magħhom kien hemm il-WasteServ, Cleansing Services Department, flimkien mal-kuntratturi tal-Kunsill, Gardentech Ltd u Euro Clean Ltd, li ipprovdew il-makkinarju meħtieġ. Is-Sindku qal li mtlew seba' trakkijiet bl-iskart miġbur. Fi tmiem l-attività saret konferenza stampa li kienet indirizzata mill-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino u mis-Sindku Robert Cutajar.

## 17.1. Xogħol ta' titjib fil-*ground* f'Ta' Pennellu (S/4/1/3)

17.2. Is-Sindku għarraf li l-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada bdiet ix-xogħol fuq il-kisi tal-*ground* bit-*turf* artifiċjali. Intqal ukoll li dwar ix-xogħol tal-*floodlights*, l-Inginiera Galea Curmi Consultants qed joġġezzjonaw li jiċċertifikaw ix-xogħol, peress li dawn m'humiex skond l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fil-kuntratt relattiv. Huma għalhekk qed jinsistu li għandha tingħata garazija ta' għaxar snin minn Elektra Ltd sabiex ikunu f'posizzjoni li jiċċertifikaw ix-xogħol u l-materjal ipprovdut. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ser issir laqgħa mal-partijiet kollha involuti fl-20 ta' Awissu 2008 bil-għan li tiġi żblukkata s-sitwazzjoni.

17.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

## 18.1. Reviżjoni ta' l-Estimi Finanzjarji 2008/2009 (F/1/19)

18.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li r-riżoluzzjoni mgħoddija fil-minuta 7.1. aktar 'il fuq, dwar l-impieg ta' uffiċjal fi Skala 15 tirrikjedi aġġustament fl-estimi finanzjarji approvati fit-18 ta' Frar 2008. Dan l-aġġustament huwa meħtieġ ukoll fid-dawl tal-pjanijiet li għandu l-Kunsill li jinvolvu it-tisbiħ ippjanat li jsir fir-*roundabout*, is-*centre-strip* u s-*soft area* li hemm bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq Qasam Barrani. Iċ-ċifra li qed tiġi mwarrba għal dan il-proġett hija ibbażata fuq l-istima li għandu l-Kunsill dwar il-*landscaping*, li ma tinkludix il-bini tal-ġiebja u xogħol ieħor marbut mat-tneħħija ta' konkos eżisteni, tqegħid ta' kurduna eċċ. Intqal ukoll li l-uniku vot li jippermetti teħid ta' fondi minnu huwa dak tar-*Road Resurfacing* (7502). L-aġġustament proposti mis-Segretarju jidhru hawn taħt:

| Kont | Vot | Żieda | Tnaqqis |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *1200* | *Employee Salaries and Wages* | *7,130.00* | |
| *1300* | *Bonuses* | *486.00* | |
| *1400* | *Income Supplements* | *104.00* | |
| *1500* | *Social Security Contributions* | *540.00* | |
| | | | |
| *7516* | *Triq Qasam Barrani Soft Areas* | *65,000.00* | |
| | | | |
| *7502* | *Road Resurfacing* | | *73,260.00* |

18.3. Il-Kunsill approva t-tibdil propost fid-dawl tar-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Offerti)

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**